# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 4.10

**Kapitlu 4: Ejja inkunu ħbieb tajbin!**

**Lezzjoni 4.10: Ngħin u nsellef**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jirrevedu l-istorja ta' San Martin.

2. Jitgħallmu juru mħabba lejn kulħadd.

3. Jirrealizzaw li l-ħbiberija hija rigal. Niċċelebraw il-ħbiberija tagħna flimkien!

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



-Storja: A little boy shares.

- Karta Addizzjonali (puzzle).

- Frotta mqaxxra, maħsula u mqatta' li kull tifel iġib mid-dar.

- Starboard presentation 4.10

- Karta ta' Tahrig 4.6 (it-tieni parti paġna 44)

-

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Introduċi l-lezzjoni billi taqra lit-tfal l-istorja tat-**Tifel u ż-żewġ ħutiet u ħames ħobżiet** jew turi lit-tfal minn fuq **You Tube** l-istorja *A little boy shares*. Jekk tħoss il-ħtieġa, spjega l-istorja lit-tfal bil-Malti biex ikunu jistgħu jifhmuha aħjar.
- Staqsi xi mistoqsijiet biex tara kemm it-tfal fehmu mill-istorja.



  - X'kien qed jagħmel Ġesu?
  - Kemm kien hemm nies?
  - X'kellu t-tifel fil-qoffa?
  - Kien hemm xi ħadd li baqa' bil-ġuħ?
  - Liema ħaġa tajba għamel it-tifel?
  - Jekk t-tifel qasam l-ikel tiegħu ma' kulħadd, dan ifisser li hu baqa' b'xejn jew inkella mela żaqqu bħan-nies l-oħra?

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

- Aqsam lit-tfal fi gruppi ta' tlieta. Kull grupp ta' tfal jingħata stampa dwar din l-istorja tal-**ħames ħobżiet u żewġ ħutiet** maqsuma f'sitt biċċiet (bħal puzzle). Kull tifel jew tifla fil-grupp jingħata biċċtejn mill-istampa. It-tfal jiġu mitluba:



  1. **jippruvaw jgħaqqdu l-istampa flimkien.**
  2. **jiddeċiedu u jiftiehmu kif ser ipinġu l-istampa (eż il-kulur tal-ħwejjeġ ta' Ġesù, tat-tifel, il-ħut eċċ)**
  3. **kull tifel jew tifla ipinġi l-biċċa tiegħu, u wara jerġgħu jgħaqqduha u jwaħħluha ma' karta (użata għar-riċiklaġġ).**

- Hekk kif kull grupp ikun lesta l-istampa tiegħu, l-għalliema tistaqsi lill-klassi in ġenerali ,"Ta' liema grupp hi din l-istampa? " u lil xi tfal individwali ," Liema kienet il-biċċa tal-istampa li pinġejt int?"

- Igbed l-attenzjoni tat-tfal illi għalkemm kulħadd kellu biċċa mill-istampa li kienet tiegħu, kien hemm bżonn illi ngħaqqduha flimkien biex l-istampa tiġi sabiħa. Kull wieħed u waħda mit-tfal kellu jgħin fit-tpinġija u jagħti l-biċċa puzzle tiegħu, biex l-istampa tiġi sabiħa. Wara l-istampi jitwaħħlu fil-klassi biex jagħmluha sabiħa u jkun jista' jgawdihom kulħadd.
- Għin lit-tfal jifhmu l-kunċett sabiħ li taqsam mal-oħrajn u ssellef lill-oħrajn billi titlob lit-tfal iġibu frotta favorita (maħsula,imqaxxra u mqatta') mid-dar. Meta jġibuha tgħidilhom li l-frotta li ġabu magħhom mhux ser jiekluha huma biss. Imma l-frott ta' kulħadd ser jinġabar, jitħallat flimkien ġo bieqja u wara jinqasam bejnietna. B'hekk kulħadd jaqsam il-frott tiegħu ma' sħabu.
- Fakkar lit-tfal illi hawn tfal fid-dinja illi tant huma fqar illi m'għandhomx x'jieklu. Tista' tingħad talba għal dawn it-tfal. Qatt m'għandna ninsewhom.
- Ikkonkludi billi jekk trid tati t-tpinġija **Rigal ta' Ħbiberija** (ors bil-kelma **Grazzi** miktuba taħtu) u jagħtuha lil xi ħadd minn sħabhom li kien fil-grupp.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Meta kulħadd jagħmel il-parti tiegħu, kulħadd ikun ferħan.
2. Il-ħbieb jaħdmu flimkien, jaqsmu mal-oħrajn u jsellfu.
3. Ġesu' jieħu gost bit-tfal li jaqsmu mal-oħrajn kif kien ħa gost bit-tifel tal-ħames ħobżiet u żewġ ħutiet.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)




**Niċċelebraw: Ejja nferrħu lil kulħadd!**

Naħsbu f'kulħadd biex inkunu ħbieb tajbin .

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



A little boy shares:

http://www.youtube.com/watch?v=jaPChCpphU4

## Nitolbu

Mulej grazzi tal-affarijiet sbieħ li tajtni. Għinni ħalli ma nżommx kollox għalija imma naqsam mal-oħrajn.

